# Giovanni Cutajar

## *(Il-Prim)*

## President 1914-1919 u 1921

**Riċerka ta' Francis Bezzina u Martin Formosa**

Giovanni Cutajar twieled il-Qrendi fis-16 ta' Ottubru 1886 minn Emmanuel Cutajar u Maria née Zahra u kellu erba' ħutu oħrajn, Ġużeppi, Karmnu, Luċija u Salvu. Hu kien iżżewweġ lil Pawla née Spiteri fis-26 ta' Ġunju 1896 u kellhom lil Ġużeppi. Giovanni kien raġel twil li ma ħalla xejn minn dak li wiret mir-razza u fil-fatt kien fih 6 piedi u pulzier. Hu kien jaqla' l-għajxien mir-raba' għalkemm kien ukoll jaf jaħdem bħala mastrudaxxa. Giovanni kien wieħed minn tal-bidu li ssieħeb fiċ-Circolo Marija Assunta li kien twaqqaf f'Mejju 1908 u kien magħruf bħala wieħed minn tat-tużżana għaliex ovvjament fil-bidu tas-Soċjetà kien għad hemm ftit soċi.

Fil-fatt kull filgħaxija wara x-xogħol żgur kont issibu fil-każin u kull nhar ta' Ħadd issibu hemm il-ġurnata kollha. Ma kienx jiltaqa' ma' biċċa njama li ma kienx jeħodha lejn il-każin għax kien jgħidlek, dik tajba għal hekk u l-oħra tajba għal hekk. Kien jara kif jiddobba xi kaxxa tal-merkanzija minn xi ħanut biex joftoqha u jkollu l-injam f'idejh. Fil-każin f'kamra fuq kellhom bank tal-mastrudaxxa u l-ħin kollu kont tarah jisserra u jinċana l-injam, issa jsewwi xi kolonna u issa jagħmel xi waħda ġdida. Għamel ukoll ħafna lasti tal-bandieri għall-armi tat-trofej. Fil-fatt fil-festa ta' l-Assunta għadhom jintramaw żewġ pedestalli fuq iz-zuntier b'żewġ anġli artistiċi li kienu nħadmu minn Giovanni.

Bħala attività fis-Soċjetà nsibu li Giovanni kien attiv ħafna u fil-fatt insibu li fl-1914 hu kien inħatar bħala t-tieni president wara Alberto Tabone P.L. Fil-fatt hu dam jokkupa din il-kariga sa l-1919. Biss fl-1921 insibu li hu reġa' ġie maħtur bħala r-raba' president u b'hekk ismu ġie minqux darbtejn fil-lista tal-presidenti.

Fil-festa kien ukoll jieħu ħsieb li jdawwal l-faċċata tal-knisja u xi armar bl-aċitelena.



*Ġanni Cutajar*